MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. IAN SPITERI BAILEY

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 1761/2005

**Perit Alexander Bezzina (I.D. 281758M) u l-Perit Keith Cole (I.D. 70458M) f'isimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` BAC Limited (C11921)**

**Vs**

**Zigana Furniture Co. Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' Settembru 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin (Lm295), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjes u bl-imghax.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2006, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u disghin Liri Maltin (Lm295), bl-imghax kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------